**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**Sean Grech**
**(ID 81790(M))**

**DENUNZJA**

**Illum, 29 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat illi **Sean Grech** ta' 29 sena, iben Joseph u Antonia nee` Stivala, imwieled ġewwa Pieta` nhar it-3 ta' Frar 1990 u residenti ġewwa 39, Flat 2, Triq il-Gendus, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 81790(M) kien ġie akkużat quddiemha talli:

1. Nhar l-1 ta' Ġunju 2019, għall-ħabta ta' 00.30am, ġewwa Triq William Lassell, Fgura, irrenda ruħu kompliċi f'serq minn ġewwa karozza ta' marka Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni EAC975, liema serq ta' oġġetti hu kkwalifikat bil-**valur**, li ma jeċċedix is-somma ta' elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), **bix-xorta tal-ħaġa misruqa** u **bil-ħin**, u li sar għad-dannu ta' Elvin Spiteri u/jew ta' xi persuni oħra (Artikoli 42(d), 261(c), (f) u (g), 267, 270, 271(g) u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali);

2. Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2019, ġewwa Triq il-Foss, Fgura, ikkommetta serq ta' rimmijiet u/jew oġġetti oħra, liema serq

huwa aggravat bil-**ħin** u dan għad-detriment ta' Joshua James Grixti u/jew persuni oħra (Artikoli 261(f) u 270 tal-Kodiċi Kriminali;

3. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza mogħtija minnha fir-rigward tal-istess **Sean Grech** nhar it-**30 ta' Awwissu 2019**, permezz ta' liema sentenza wara li rat l-Artikoli 17, 42(d), 261(c), 261(f), 261(g), 267, 270, 271(g) u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(d) u 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħditu taħt **Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet (3) snin** minn dakinhar tal-istess sentenza, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni kellu jifforma parti integrali minn dik is-sentenza. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ikkundannat lill-ħati għall-penali ta' sebgħin ewro (€70).

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos milli jsegwi xi waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' *Probation.*

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuż tad-droga, Dok. SZ 12, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni[1];

Rat in-nota tas-*Senior Probation Officer* Carmen Nygaard tal-11 ta' Settembru 2019, li permezz tagħha avżat lil din il-Qorti illi l-**Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Formosa** ġiet nominata sabiex issegwi lil Sean Grech matul l-Ordni ta' *Probation* mogħtija bis-sentenza tat-30 ta' Awwissu 2019[2];

---

[1] Ara a fol. 44 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol. 47 tal-proċess.

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-*Probation* tal-**15 ta' Novembru 2019**, li permezz tiegħu għamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nfurmat lill-Qorti illi għalkemm saru diversi tentattivi sabiex jiġi stabbilit kuntatt mad-denunzjat Sean Grech sabiex jattendi għal sessjonijiet ġewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole,* dan il-kuntatt qatt ma ġie stabbilit;

Rat in oltre illi fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2019, l-Uffiċjal tal-*Probation* irtirat d-denunzja tagħha, b'dan għalhekk illi l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess denunzja;

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-*Probation* tat-**8 ta' Lulju 2021**, li permezz tiegħu għamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nfurmat lill-Qorti illi i) minn wara li d-denunzjat ingħata l-ħelsien mill-arrest fis-26 ta' Frar 2021, huwa attenda darba biss ġewwa l-uffiċċju tal-*Probation* u *Parole* nhar is-26 ta' Marzu 2021, f'liema okkażżjoni huwa attenda tard u ma saritx sessjoni adegwata. In oltre stante illi huwa ma attendiex għal sessjonijiet ġewwa d-Dipartiment, ma kienx possibbli illi jittieħdu testijiet tal-urina, għalkemm id-denunzjat stess semma' li kien qed jagħmel użu matul dan il-perjodu minħabba l-problemi li kellu; ii) f'dan il-perjodu huwa naqas milli jżomm kuntatt ma' aġenzija ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga[3];

Rat id-digriet tagħha tal-istess jum, li permezz tiegħu *inter alia* ordnat in-notifika tar-rikors odjern lid-denunzjat u appuntat id-denunzja għas-smigħ għall-21 ta' Lulju 2021[4];

Semgħet diversi drabi x-xhieda bil-ġurament tal-imsemmija Uffiċjal tal-*Probation* u lid-difiża tiddikjara li ma kellhiex iżjed provi xi tressaq;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti hija sodisfatta illi l-imsemmi **Sean Grech** naqas milli jħares il-ħtiġiet tal-Ordni ta' *Probation,* fosthom, illi matul il-perjodu tal-*Probation*, u dan speċifikatament bejn Frar tas-sena 2021 sad-data tad-denunzja tat-8 ta' Lulju 2021 u anke wara l-istess denunzja sa Frar tas-sena 2022, huwa naqas mill-ħtieġa li jibqa'

[3] A fol. 52 tal-proċess.
[4] A fol. 53 tal-proċess.

f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation* skont l-istruzzjonijiet li jingħata minnha u li jattendi għal-laqgħat li hija tiffissa minn żmien għal żmien, kif ukoll illi joqgħod għad-direttivi tal-Uffiċjal tal-*Probation* li jistgħu jingħatawlu minn żmien għal żmien, inkluż billi jikkonsulta mal-professjonisti li jiġu riferuti lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation.*

Dan fil-fatt jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* tas-6 ta' Settembru 2021, li matulha hija kkonfermat il-kontenut tar-rikors tagħha bil-ġurament, oltre illi mix-xhieda li tat l-istess Uffiċjal tal-*Probation* diversi drabi fil-mori ta' dawn il-proċeduri dwar l-andament tal-*Probationer* wara d-data tad-denunzja u <u>fil-mori tal-istess Ordni</u>, jirriżulta illi l-aġir tal-istess *Probationer* kif indikat mill-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rikors tagħha baqa' jippersisti u dan sakemm finalment fi Frar tas-sena 2022, b'mod volontarju l-*Probationer* iddeċieda li jidħol ġewwa l-isptar Monte Karmeli sabiex jirċievi trattament għall-vizzju tad-droga.

Jirriżulta fil-fatt illi hekk kif il-*Probationer* ħareġ mill-ħabs fi Frar tas-sena 2021, wara li kien inżamm darbtejn taħt arrest preventiv fil-mori tal-Ordni, huwa attenda biss għal żewġ sessjonijiet mal-Uffiċjal tal-*Probation*, wieħed fis-26 ta' Marzu 2021 u ieħor wara li saret id-denunzja fl-10 ta' Awwissu 2021, apparti illi f'dan il-perjodu huwa baqa' jagħmel użu minn sustanzi illeċiti, kif ammetta huwa stess mal-Uffiċjal tal-*Probation.* Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* illi għalkemm il-*Probationer* kien ferm stabbli kull meta kien il-ħabs, barra ħajtu kienet tassew kaotika. Għalkemm kien hemm perjodu fejn kien jgħid lill-Uffiċjal tal-*Probation* li ma setax jattendi għall-appuntamenti minħabba raġunijiet ta' xogħol, u dan bejn April u Ġunju 2021, biss is-sitwazzjoni baqgħet l-istess anke wara dan il-perjodu, tant illi dan wassal lill-Uffiċjal tal-*Probation* sabiex tintavola d-denunzja odjerna. Kif ingħad din baqgħet ukoll is-sitwazzjoni tal-*Probationer* wara d-denunzja, tant illi sa Frar 2022, il-*Probationer* attenda għal appuntament wieħed biss mal-Uffiċjal tal-*Probation* f'Awwissu 2021, u la żamm kuntatt mal-Aġenzija Sedqa u lanqas mat-tabib tiegħu fi ħdan iċ-Ċentru tad-*Detox.*

Tixhed ukoll l-istess Uffiċjal tal-*Probation* illi madankollu fil-11 ta' Frar 2022, huwa nfurmaha illi s-sitwazzjoni tiegħu tant kienet aggravat illi ddeċieda minn jeddu illi jidħol ġewwa l-isptar Monte Karmeli. Jirriżulta fil-fatt illi l-*Probationer* daħal fl-imsemmi sptar fil-21 ta' Frar 2022 u minn hemm sar kuntatt mal-Aġenzija Caritas sabiex jidħol ġewwa programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Wara li dam iżjed minn xahrejn fl-istess sptar, fit-3 ta' Mejju 2022 huwa daħal fil-programm residenzjali ta' San Blas, iżda jumejn wara, fil-5 ta' Mejju 2022, huwa kellu jidħol il-ħabs stante illi xi multi li kellu pendenti ġew konvertiti fi priġunerija. Jirriżulta wkoll illi sussegwentement, sal-aħħar xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* fit-30 ta'

Novembru 2022, il-*Probationer* baqa' ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, fejn baqa' stabbli. Mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* jirriżulta wkoll illi għalkemm f'punt minnhom il-*Probationer* beda jaħseb sabiex jissellef il-flus sabiex ikun jista' joħroġ mill-ħabs, biss huwa stess irrikonoxxa illi kien aħjar għalih li jagħmel l-affarijiet sew u jevita problemi fil-futur. Ġewwa l-Aġenzija, huwa kien qed jaħdem fid-Diviżjoni li kien fiha, attenda wkoll għal sessjonijiet relatati ma' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u baqa' f'kuntatt mas-*social worker* min-naħa tal-Aġenzija Sedqa, li kien diġa` f'kuntatt magħha qabel daħal il-ħabs, apparti li applika wkoll għall-programm, għalkemm ma kienx possibbli għalih li jagħmlu ġewwa l-ħabs.

Fir-rigward il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi l-għan tal-Ordni tal-*Probation* ma ntlaħaqx kompletament u dan kemm għaliex ma jistax jingħad illi l-*Probationer* irrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, kif ukoll b'mod partikolari għaliex fil-maġġor parti tal-Ordni huwa kien jinsab ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Tqis ukoll illi matul perjodu ta' madwar sena li fih huwa kien barra fil-komunita`, l-istess *Probationer* ma qgħadx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni u baqa' bl-istess attitudni għal diversi xhur wara li saret id-denunzja odjerna. Biss il-Qorti qed tqis min-naħa l-oħra illi minkejja li l-*Probationer* kien ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi bejn Novembru 2019 u Frar 2021, l-Uffiċjal tal-*Probation* m'għamlet l-ebda denunzja f'dan il-perjodu (anzi f'Novembru 2019, irtirat dik li kienet saret fl-istess xahar). Tqis in oltre illi wara l-perjodu li fih ma żammx kuntatt jew kuntatt konsistenti mal-Uffiċjal tal-*Probation*, minn jeddu daħal għall-kura ġewwa l-isptar Monte Karmeli bl-għan li jidħol ġewwa programm residenzjali, liema għan fil-fatt laħqu wara xahrejn ġewwa l-imsemmi sptar. Il-pjan madankollu sfaxxa u dan mhux għaliex huwa telaq mill-programm, iżda għaliex kellu jerġa' jidħol il-ħabs in konnessjoni ma' multi li kellu pendenti. Fi kliem l-Uffiċjal tal-*Probation*, għalkemm f'dan iż-żmien ma setax isir pjan ta' kura konkret, il-*Probationer* ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi kien stabbli ferm, u ħadem ukoll sabiex jameljora ruħu. Fi kliemha, matul is-sena 2022 sar ħafna xogħol mal-*Probationer* u anke min-naħa tiegħu, b'dan għalhekk illi mir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi minkejja li kien il-ħabs, il-*Probationer* ġab ruħu sew u għaraf jagħmel sforz sabiex jipprova jtejjeb ħajtu.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi filwaqt illi tittama li l-*Probationer* jibqa' jikseb l-għajnuna sabiex joqgħod il-bogħod mid-droga u mill-ħajja ta' kriminalita` li din iġġib magħha, il-Qorti tqis illi m'għandhiex titratta mal-*Probationer* għar-reati mertu tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet li dwarhom ingħata l-Ordni tal-*Probation* bis-sentenza tagħha tat-30 ta' Awwissu 2019, iżda sejra minflok twaħħlu l-ammenda li tikkontempla l-liġi għall-ksur tal-Ordni tal-*Probation*.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li tqis li ġie ppruvat għas-sodisfazzjoni tagħha illi l-*Probationer* **Sean Grech** naqas milli jsegwi l-ħtiġiet tal-Ordni tal-*Probation* imposta fuqu minn din il-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tat-30 ta' Awwissu 2019 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Sarah Zerafa) vs Sean Grech', qed twaħħal lill-istess *Probationer* ammenda ta' mitejn u tletin ewro (€230).

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur